# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar t-Tnejn 11 ta' Novembru 2019

**Rikors Numru : 221/2019 JPG**

**Kawza Numru : 32**

**RA**

**vs**

**MA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' RA, datat 16 ta' Mejju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti zzewweg fil-5 ta' Jannar tas-sena 1994, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal F li twieled fl-X, u D li twieled f' Y u li llum t-tnejn li huma maggorenni;*

2. *Illi l-partijiet separati permezz ta' kuntratt in atti Dr Katia Farrugia Cachia mil-5 ta' Gunju tas-sena 2003 (DOK A);*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minhabba illi ilhom separati minn xulxin ghal aktar minn hmistax (15)-il sena, llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

4. *Illi ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet;*

5. *Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-ligi.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

a) *Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar l-15 ta' Jannar tas-sena 1994 jigi mahlul u dikjarat xolt;*

b) *Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u*

c) *Taghti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata dehret mhux assistita u gew spjegati lilha d-drittijiiet legali taghha izda hi rrispondiet li ma ghandhiex bzonn ta' assistenza legali u li mhux qed topponi ghal dan id-divorzju (vide Verbal 4 ta' Ottubru);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RA** xehed illi l-partijiet izzewgu fil-15 ta' Jannar 1994 u kienu ottjenew s-separazzjoni personali fil-5 ta' Gunju 2003 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, li llum il-gurnata huma maggorenni. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MA** xehdet u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tal-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-15 ta' Jannar, 1994 (Vide Dok certifikat taz-zwieg fol 8) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied, illum maggorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Katia Farrugia Cachia, datat 5 ta' Gunju, 2003 (vide Dok. A fol 3 et seqq.) u li ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pruvat illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex iz-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**